bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Spiridione D'Amato, iben Pawlu,
imwieled Pieta' fit-18 ta'
novembru, 1973

Illum, 1 ta' awissu, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fit-13 ta' frar, 2002, għal ħabta tan-00.30 a.m. fi Triq Sant Andrija, San Ġiljan, kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u munizzjon f'post li jagħmel miegħu u cioe' ġewwa vettura Peugeot 405, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBB 782, u cioe' pistola tal-marka Valtro, li għandu n-numru tas-serje F29655, kalibru 9mm, kif ukoll balla waħda ta' kalibru 9mm;
2. talli fl-istess data, ħin u post kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar jew munizzjon, u cioe' pistola tal-marka Valtro, li għandu n-numru tas-serje F29655, kalibru 9mm, kif ukoll balla waħda ta' kalibru 9mm, xort'oħra milli b'liċenzja, u naqas li minnufih jagħti avviż tagħhom lill-Kummissarju tal-Pulizija;
3. talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanżi zamm armi mingħajr liċenzja tal-pulizija li huma magħmula għad-difiza;
4. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-13 ta' frar, 2002, u jew f'xi dati qabel instab xjentement li kellu fil-pussess u jew taħt il-kontroll tiegħu pistola tal-marka Valtro, bin-numru tas-serje F29655, kalibru 9mm, u kif ukoll balla ta' kalibru 9mm, u liema importazzjoni ta' oġġetti hija pprojbita u jew ristretta, bil-valur tal-pistola jkun ta' Lm25, dazju Lm1.27,5 u valur fuq il-balla huwa ta' 15c, dazju 7m;
5. bi ksur ta' l-Att XIII ta' l-1998 dwar it-Taxxa tal-VAT, liema valur tal-pistola jammonta għal Lm25 u il-valur tal-balla ta' kalibru 9mm ivvalutata 15c u valur ta' taxxa mizjuda li ma tħallashx jammonta għal Lm3.96,5.
6. talli fit-13 ta' frar, 2002 għal ħabta tas-2.30 p.m. minn ġewwa l-Marsa, u cioe' minn ġewwa l-post ta' detenzjoni u cioe' waqt li kien taħt detenzjoni kkometta ħarba bi ksur minn taħt din il-kustodja;
7. talli bejn it-13 ta' frar, 2002 u il-15 ta' frar, 2002 u fil-jiem u ġimgħat ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizz-jonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan

bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

8. talli f'dawn l-aħħar snin, f'diversi bnadi ta' Malta għamel użu u/jew zamm vettura tal-għamla Fiat 128, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAC 813, mingħajr liċenzji u assikurazzjoni kurrenti kif titlob il-Liġi;
9. talli naqas li jinforma lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Liċenzji li meta ġie jew kien fil-pussess tal-imsemmija vettura fi żmien sebat tijiem min mindu ġie fil-pussess tal-vettura tal-għamla Fiat 128, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAC 813.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenrali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' awissu, 2002 fejn ġie eżebit iċ-ċertifikat tal-mewt tal-imsemmi Spiridione D'Amato, li ġie nieqes 11 ta' lulju, 2002.

Għaldaqstant, wara li rat iċ-ċertifikat tal-mewt tiddikjara l-proċediment estint.